MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
MARIO SCERRI**

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2008

Talba Numru. 50/2007

Maltacom plc (C22334)

vs

Manwel Bonanno

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk :

“Illi l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lis-socjeta’ Maltacom plc is-somma ta’ mija u tmienja u ghoxrin Lira Maltin u hdax –il centesimi [Lm128.11] dovuti in konnessjoni mas-servizz telefoniku li jgib in-numru 21523343 [A/C no. 40063773] li kien installat fl-appartament numru 10, ‘The Horizon’, Triq L-Etna, Mellieha, Malta, skond diversi kontijiet mibghuta, flimkien ma’ l-ispejjez, l-imghaxijiet, u drittijiet legali.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-prezenti, u dawk tal-ittra ufficjali numru 2011/07 tas-16 ta' April 2007, u bl-imghaxijiet kontra l-konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni."

Il-konvenut debitament innotifikat bl-avviz tat-talba fid-29 ta' Mejju 2008, deher fl-udjenza tat-18 ta' Gunju 2008, u kkontesta t-talba tas-socjeta' attrici fis-sens li t-telefonati li taghhom qed jintalab il-hlas ma sarux minnu izda minn persuna ohra li lilha l-konvenut kien kera l-appartament li ghandu fil-Mellieha, Malta, u li kienet telqet u halliet hafna djun. Risposta formali l-konvenut baqa' ma dahhalx.

Fl-udjenza tat-18 ta' Gunju 2008, sama' lil Emanuel Cini, *customer services officer* mal-kumpanija attrici li kkonferma bil-gurament li l-ammont indikat fl-avviz tat-talba ghadu dovut fl-intier tieghu, u li l-konvenut baqa' ma hallas xejn minnu.

Fl-udjenza tal-15 ta' Lulju 2008, gewipprezentati kapitoli ghas-subizzjoni tal-konvenut, u fl-udjenza tat-22 ta' Settembru 2008, gew miftuha dawn il-kapitoli, u fl-assenza tal-konvenut wara li gie msejjah diversi drabi u baqa' ma deherx, il-kapitoli gew approvati u meqjusa li gew mistqarra mill-konvenut.

Sama' l-provi.

Ra d-dokumenti kollha esibiti.

Ikkunsidra :

Illi kif jirrizulta mill-verbal tal-udjenza tat-18 ta' Gunju 2008, il-konvenut mhuwiex jikkontesta il-kont tat-telefon, izda jippretendi li ma jhallsux billi t-telefonati ma sarux minnu izda min persuna li lilha kien kera l-appartament tieghu li ghandu fil-Mellieha, Malta.

Illi jigi rilevat li t-talba attrici kif indirizzata fil-konfront tal-konvenut tinsab ippruvata stante li l-applikazzjoni ghall-istallazzjoni tas-servizz tat-telefon fil-fond numru 10, 'The Horizon', Triq L-Etna, Mellieha, Malta, saret minnu u giet

debitament iffirmata minnu, kif jidher mid-dokument "EC1". Illi jinghad ukoll li r-rendikont ta' telefonati li saru bejn Novembru 2005 u Settembru 2006, u l-ammonti hemm indikati, kollha relativi ghat-telefon numru 21523343 ma gewx ikkontestati mill-konvenut, u ghalhekk jirrizulta li huma dovuti mill-konvenut, bhala l-persuna li skond l-istess ftehim kellu relazzjoni kuntrattwali mal-istess socjeta' attrici, u dan anke a bazi tal-artikolu 20 tar-Regolamenti ta' l-1972 dwar is-Servizz tat-Telefon. (A.L.47 ta' l-1972).

Illi jinghad ukoll li ghalkemm il-konvenut qed jallega li l-istess linja giet uzata minn haddiehor, xorta jibqa' l-fatt li huwa dejjem baqa' l-persuna li kellha relazzjoni mas-socjeta' attrici dwar l-istess servizz skond il-ftehim fuq indikat. Kif gie stabbilit fis-sentenza **"Maltacom p.l.c. vs Anne Micallef"** (Prim'Awla, 13 ta' Jannar 2000) fejn inghad:-

*"Illi dwar l-ilmenti li l-'calls' in ezami saru minn terza persuna, dan ma ghandu ebda rilevanza ghall-kawza odjerna, di fronte ghas-socjeta' attrici, ghaliex ir-relazzjoni tas-socjeta' attrici kienet u dejjem baqghet mal-istess konvenuta, u ghalhekk anke f'dan ir-rigward l-eccezzjoni tal-konvenuta qed tigi michuda".*

Illi dan huwa wkoll konformi mal-fatt li l-azzjoni attrici hija bbazata fuq ftehim bejn is-socjeta' attrici u l-konvenut, u ghalhekk l-unika kundanna li jista' jkun hemm f'din il-kawza hija propju a bazi ta' tali ftehim [Prim'Awla, **Maltacom p.l.c. vs C.P.L. Developments Limited et**, 26 ta' April 2001].

Ghalhekk li t-talba tas-socjeta' attrici hija gusta u timmerita li tigi milqugha.

Wara li ra wkoll l-artikoli 9(2)(a) u 13(b) tal-Kap.380.

Jiddeciedi ghaldaqstant billi jilqa' t-talba attrici, u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u tmienja u disghin Euro u tnejn u erbghin centesimi [€ 298.42] ekwivalenti ghal mija u

tmienja u ghoxrin Lira Maltin u hdax –il centesimi [Lm128.11], ammont dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku li jgib in-numru 21523343 [A/C no. 40063773], bl-imghax legali b'effett mid-data tal-prezentata tal-avviz tat-talba sal-eventwali hlas effettiv, u bl-ispejjez kollha gudizzjarji u legali bil-VAT, inkluzi tal-ittra ufficjali numru 2011/07 tas-16 ta' April 2007, kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------